NEWSPAPER POST

# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA

**Edizzjoni Nru. 21**
**Awwissu - Settembru - Ottubru, 2009**

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt

## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Charles Schembri*

Reġgħet waslet il-festa tal-Patruna tar-raħal tagħna Santa Katarina Verġni u Martri, festa tant għażiża għalina l-Katarinjani. Il-preparazzjonijiet għal din il-festa hekk popolari huma fl-aqwa tagħhom u ħafna membri jingħaqdu flimkien f'ħidma ntensiva sabiex iżejnu t-toroq u l-pjazez tagħna bl-armar imprezzabbli u maestuż. Matul is-sena diversi membri jinagħqdu mal-Kumitat u mas-Sottokumitati tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. u jwettqu ħafna xogħol volantarju u b'sagrifiċċju sabiex inkunu nistgħu ngawduh fil-jiem sbieħ tal-festa Titulari u fuq kollox sabiex naraw li din il-festa tilħaq il-livell mixtieq. B'ferħ kbir u sodisfazzjon insemmi l-unur kbir li l-Banda Santa Katarina V. M. kisbet u ġabet magħha minn ġewwa l-Ungerija, propju f'dik li hija s-sitt safra tagħha. U ta' dan nixtieq inrodd ħajr lill-Bandisti, lill-Assistent Surmast Mro.Josef Grech u lis-Surmast Direttur Mro. Mario Testa, u xejn inqas lil dawk kollha li taw sehemhom sabiex din il-ġita tkun ta' suċċess kbir. Ħajr ukoll lill-ġitanti li bi ħġarhom akkompanjaw lill-Banda tagħna u li kienu ta' sapport. Il-mottiv ewlieni li twaqqfet is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. mill-ħabrieki Kappillan Dun Vincenz Schembri fl-1864 verament qiegħed jintlaħaq sewwa, għaliex kemm fil-festa Titulari kif ukoll f'diversi rħula u bliet fil-gżejjer Maltin, il-Banda Santa Katarina V.M. qiegħda minn ta' quddiem nett fost l-aqwa baned li xxerred it-talent mużikali. Xejn inqas il-Banda għażiża tagħna ġewwa l-Ungerija kisbet suċċess b'eżekuzzjoni mill-aqwa fl-erba' programmi li saru, speċjalment dak fil-Culture House Joszef Attila ġewwa Dorog.



**Il-President Charles Schembri mal-Oganizzatur Ungeriż waqt is-sitt safra tal-Banda Santa Katarina V.M.**

Sabiex tfakkar din l-okkażjoni saret preżentazzjoni ta' tifkiriet mill-Viċi Sindku tal-belt, kif ukoll preżentazzjoni ta' faxxa mal-istandart, kif ukoll bandalora. Din hija ġrajja oħra li ser tibqa' minquxa b'ittri tad-deheb fl-istorja glorjuża tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M.. Minkejja li din is-sena ma kinetx nieqsa minn diffikultajiet, bil-għajnuna tagħkom intlaħaq kull għan. Il-proġett ta' Radju Santa Katarina, ir-Radju tal-Komunita' li għalaq sena jxandar kontinwament, huwa ta' benefiċċju sew għall-membri tas-Soċjeta' tagħna, kif ukoll għal ħafna nies oħra fir-raħal tagħna, speċjalment lil dawk li jsegwu bl-Internet. Il-kalendarju tas-Soċjeta' tagħna huwa mimli attivitajiet b'diversi talenti, fosthom dawk mużikali kif ukoll kulturali. Is-sapport tagħkom f'dawn l-attivitajiet ikomplu jinkoraġġuna norganizzaw kif ukoll tkunu ta' sostenn kbir. Jiena napprezza ħafna u nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jgħinu sabiex dejjem jintlaħaq il-livell mixtieq, kif ukoll napprezza l-konkorrenza u l-parteċi-pazzjoni tagħkom. Dan huwa mezz ta' fund raising li flimkien ma' donazzjonijiet oħra matul is-sena jtaffu ħafna mill-ispejjeż kbar rikorrenti u sabiex isiru diversi proġetti, materjal għal-logħob tan-nar u l-baned. Jiena konvint mill-ġenerożità tagħkom, għaliex persważ mill-imħabba li għandkom lejn is-Soċeta' Mużikali Santa Katarina V.M. u l-festa tal-Qaddisa Patruna tagħna.

Fl-aħħar nett nixtieq nappellalkom sabiex ma tonqsux milli tattendu għall-funzjonijiet tant sbieħ li jsiru ad unur il-Patruna tagħna. Dan huwa l-qofol tal-festa, dan huwa l-uniku mezz li nagħtu tifħir u glorja lill-Qaddisa Lixandrina. Għandna nipparteċipaw bis-sħiħ u nersqu għas-Sagramenti Mqaddsa, għaliex dak li tistenna minna Santa Katarina. Għandna wkoll inkunu ġenerużi għall-festa nterna bħal ma kienu missirijietna, u dan nistgħu narawh fit-tempju Katarinjan li jkun imżejjen bl-iżjed mod dekoruż għall-festa tal-Qaddisa Protettriċi tagħna Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra.

**IL-PRESIDENT U L-KUMITAT JISTIEDNU LILL-MEMBRI KOLLHA TAS-SOĊJETÀ GĦAL RIĊEVIMENT NHAR IT-TNEJN 24 T'AWWISSU FIT-8.00 P.M. ĠEWWA S-SALA MRO. ESPEDITO DEGUARA.**



# Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin

***(Dettalji fis-Sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)***

| | | |
|---|---|---|
| 02/08/2009 | 7.45pm | Marċ għall-Festa ta' San Duminku ġewwa l-Belt Valletta. |
| 03/08/2009 | 8.30pm | Servizz ta' marċ fil-Festa tas-Salvatur ġewwa Ħal Lija. |
| 07/08/2009 | 6.30pm | Pellegrinaġġ Devozzjonali ġewwa l-Isla mas-Sezzjoni Nisa. |
| 08/08/2009 | 5.30pm | BBQ Kbir ġewwa Pretty Bay Birżebbuġa mas-Sezzjoni Żgħażagħ. |
| 14/08/2009 | 7.00pm | Marċ u programm fil-Festa ta' Santa Marija ġewwa l-Qrendi. |
| 15/08/2009 | 7.30pm | Servizz ieħor fil-Festa ta' Santa Marija ġewwa l-Qrendi. |
| 16/08/2009 | 9.00pm | Marċ fil-Festa ta' Santa Marija ġewwa Bubaqra ż-Żurrieq. |
| 22/08/2009 | 7.30pm | Ikla kbira ġewwa Misraħ ir-Repubblika mas-Sottokumitati Nar u Armar. |
| 24/08/2009 | 8.00pm | Riċeviment għall-membri fis-Sala Mro. Espedito Deguara. |
| 25/08/2009 | 6.30pm | Kunċert Ġenerali għall-Bandisti kollha. |
| 26/08/2009 | 8.30am | Coffee Morning ġewwa l-Imperial Hotel Sliema mas-Sezzjoni Nisa. |
| 26/08/2009 | 8.00pm | Riċeviment għall-Mistiedna Distinti tas-Soċjeta' fil-Każin. |
| 27/08/2009 | 7.30pm | Lejla Katarinjana ġewwa Misraħ ir-Repubblika – Kumitat Ċentrali. |
| 29/08/2009 | 7.00pm | Lejla Maltija Grandjuża mas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti. |
| 30/08/2009 | 7.00pm | Ħruġ l-istatwa ta' Sta.Katarina V.M. min-niċċa u marċ fiż-Żurrieq. |
| 03/09/2009 | 8.45pm | Marċ minn Triq il-Kbira, u Programm fuq il-Planċier Artistiku. |
| 04/09/2009 | 9.00pm | Marċ b'dimostrazzjoni tal-Istatwa ta' Santa Katarina V.M. |
| 05/06/2009 | 11.00am | Il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel il-marċ tat-Te Deum. |
| 06/09/2009 | 8.30pm | Marċ li jibda minn Triq Dun Ġużepp Zammit sa Misraħ ir-Repubblika. |
| 06/09/2009 | 11.00pm | Marċ tan-Nar minn quddiem il-Knisja u jispiċċa f'Misraħ ir-Repubblika. |
| 27/09/2009 | 6.00pm | Marċ fil-Festa ta' Santa Katarina V.M. ġewwa d-Daħla, r-Rabat. |
| 04/10/2009 | 7.00pm | Marċ u programm fil-Festa tal-Madonna tar-Rużarju fiż-Żurrieq stess. |


## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Gatt Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Cassar Karl | Website Designer |
| Camilleri Moses | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Kumitat Ċentrali |
| Farrugia Catherine | Reppreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Sammut Faustina | Rappreżentanta Kumitat Kultura |
| Schembri Alan | Rappreżentant Sezzjoni Nar |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |
| Schembri Kevin | Rappreżentant RSK 90.6 F.M. |


## EDITORJAL

Ma nistax nibda dawn il-kelmtejn mingħajr ma nagħti **PROSIT KBIRA LILL-BANDA SANTA KATARINA V.M.** tal-unuri li kisbet ġewwa l-Ungerija fis-sitt safra tagħha. Prosit lis-Surmast u lill-Assistent Surmast, lis-Solisti u lill-Bandisti kollha, lill-Kumitat Ċentrali, u lil kull min kien involut fl-organizzazzjoni ta' din il-ġita li kienet **SUĊĊESS** mill-bidu sa l-aħħar. Hawnhekk propju dehret is-saħħa ta' l-ewwel Soċjeta' Mużikali fiż-Żurrieq – Soċjeta' li kienet kapaċi xxerred l-imħabba lejn il-mużika u lejn Santa Katarina mhux biss ġewwa l-Gżejjer Maltin, iżda wkoll għal sitt darbiet barra minn xtutna. Awguri għal aktar suċċessi bħal dawn fil-futur.

Waslet il-Festa Titulari tar-raħal għażiż tagħna, u għal darb'oħra għandna mħejjija festeġġjamenti kbar ad unur Santa Katarina V.M. Attivitajiet varjati għall-gosti ta' kulħadd, li warajhom hemm xogħol li ilu għaddej tul is-sena kollha. Għaldaqstant huwa dmir tagħna bħala partitarji u soċi li nattendu u nħeġġu lil ħaddieħor, sabiex nagħmlu dejjem kuraġġ lill-organizzaturi li jagħmlu ħilithom sabiex dejjem jgħollu l-livell tal-Festa għażiża għalina, u dan dejjem senza nteressi! Tajjeb ukoll inżejnu l-bjut tagħna bil-bnadar, tubi u festuni għal żmien il-festa, kif ukoll noffru l-għajnuna tagħna fl-armar u fiż-żarmar għaliex kull Sottokumitat ikollu bżonn l-għajnuna tagħkom biex ilaħħaq mal-ammont enormi ta' xogħol li ġġib magħha l-Festa.

Qabel nagħlaq dawn il-kelmtejn, infakkarkom li kull min jixtieq kopji żejda tal-gazzetta, kif ukoll kull min jixtieq jirreklama fil-gazzetta jew jixtieq jgħaddilna xi ritratti, suġġerimenti jew artikli ta' nteress, jikkuntatjana. Ibagħtu l-ittri tagħkom hekk: L-Editur, Sancta Catharina Zurricanorum Patrona, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq. Tistgħu ukoll tikkuntattjawna permezz tal-email fuq: info@stcathrerineband.org.mt

F'isem il-Bord Editorjali nixtieq nawgura lilkom kollha l-Festa t-Tajba. **VIVA SANTA KATARINA V.M. PATRUNA TAŻ-ŻURRIEQ.**

LORNA DARMANIN - **EDITRIĊI**


RSK 90.6 RADJU SANTA KATARINA 90.6 FM

**SEGWU L-EWWEL U L-AQWA RADJU TAL-KOMUNITA' ĠEWWA Ż-ŻURRIEQ**

**RADJU SANTA KATARINA FUQ 90.6 FM**

**BI SKEDA VARJATA GĦALL-GOSTI TA' KULĦADD**



## Sotto Kumitat Armar

*- Moses Camilleri - Viċi Chairman*

Għeżież Palmisti nerġa' nagħtikom merħba. Għall-grazzja t'Alla għaddiet sena oħra u reġa' wasal dak iż-żmien tant mistenni għalina ż-Żrieraq. Fix-xahar sabiħ ta' Settembru niċċelebraw il-Festa Titulari taż-Żurrieq u għalhekk aħna tas-Sezzjoni Armar irridu nkunu preparati sabiex inlibbsu r-raħal tagħna b'dak it-tiżjin ta' ċertu livell li l-festa tagħna hi magħrufa tant għalih ma' Malta kollha.

Din is-sena ser nkomplu fejn ħallejna s-sena l-oħra u ser naraw aktar trofej ġodda jiżżanżnu fi Triq Pietru Pawl Saydon. Inħadem ukoll pedestall ġdid ieħor għal Misraħ Mattia Preti, fejn ser jikkomplimenta l-pedeastalli li hemm f'din il-pjazza. Għandna wkoll pavaljuni ġodda, liedna u affarijiet oħra li issa ser narawhom matul il-festa. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-grupp kbir ta' nies li bil-ħidma kontinwa u volontarja tagħhom matul is-sena kollha seta' jsir dan ix-xogħol kollu.

Bħala attivitajiet ta' fund raising għandna skema ta' ġbir għat-trofej il-ġdid li b'50 Ewro timla kaxxa u tkun qed tagħti l-għajnuna tiegħek f'dan il-proġett meravilja. Għandna wkoll bandieri kemm bl-arma kif ukoll ħomor għall-bejgħ sabiex wieħed itellagħhom matul ix-xahar tal-festa. Għandna wkoll tubi ħomor taż-żewġ u tliet piedi għall-bejgħ.

Importanti li minn irid l-għajnuna sabiex itella' l-arblu ma jħallix għall-aħħar u javviċina lil xi membru tas-Sottokumitat.

Nappella għal aktar għajnuna minnkom membri sabiex jintrama u jiżżarma l-armar. Kemm inkunu nies aktar tonqos it-tbatija u x-xogħol isir aktar malajr. Il-programm tal-armar, li juri kull ġurnata fejn ser inkunu narmaw, ser ikun imwaħħal man-notice board fil-bar tal-każin.

Nerġa' nappella wkoll sabiex nibżgħu għall-armar u ma nħallux li ssirlu ħsara. Irridu nkunu l-ewwel aħna li nagħtu l-eżempju lil ħaddieħor. M'għandniex inserrħu saqajna mal-armar jew inħallu t-tfal tagħna joborxu ż-żebgħa.

Qabel nagħlaq nixtieq ngħid prosit kbira lill-Banda Santa Katarina V.M. għas-suċċess li kisbet ġewwa l-Ungerija. Il-Banda ħarġet bl-unuri kollha u ġiet imfaħħra minn mużiċisti u surmastrijiet li attendew għall-programmi li esegwiet f'dan il-pajjiż. Il-livell tal-mużika kien wieħed għoli fejn urew il-kapaċitajiet tagħhom is-Surmast Mario Testa, l-Assistent Josef Grech u d-diversi bandisti tal-post li daqqew mal-Banda. **Il-Festa t-tajba u Viva Santa Katarina Verġni u Martri Patruna taż-Żrieraq kollha.**

## Rokna tan-Nisa

*- Catherine Farrugia*

Iż-żmien qiegħed jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Għaddew tliet xhur oħra mill-aħħar artiklu u għaddiet sena oħra għax il-festa reġgħet qiegħda magħna. Nispera li tinsabu tajbin. Nixtieq nibda billi nifraħ lill-Banda Santa Katarina V.M. tas-sitt suċċess li ġabet barra minn Malta, din id-darba ġewwa l-pajjiż tal-Ungerija. Nixtieq ukoll nagħti prosit lis-Surmast u l-Assistent tiegħu, kif ukoll lill-Banda li ħarġet lis-Soċjetà, liż-Żurrieq u lil Malta kollha ta' nies quddiem il-Banda li stednitna, kif ukoll ġabet isem kbir mal-Ungerija kollha.

Issa li waslet festa oħra s-Sezzjoni Nisa qed torganizza l-Pellegrinaġġ Devozzjonali li ta' kull sena jiġi organizzat qabel il-Festa. Din is-sena ħa jkun l-Isla ġewwa l-Bażilika ta' Marija Bambina. Id-data ħa tkun nhar il-Ġimgħa 7 t' Awwissu. Tluq fis-6.30pm minn ħdejn il-venda. Nhar is-26 t' Awwissu s-Sezzjoni Nisa ser torganizza l-Coffee Morning ta' qabel il-festa. Din is-sena ħa jkun l-Imperial Hotel Sliema. Nixtieq ngħidilkom li ħa tingħataw platt speċjali. Tluq mill-venda fit-8.30am. Aktar dettalji dwar l-attiviatjiet ta' wara l-festa jingħataw b'avviżi fuq ir-radju u fuq posters.

Nittama li narakom għal dawn l-attiviatijiet u l-festa tajba lilkom u 'l-familji tagħkom. Viva Santa Katarina V.M. l-Patruna taż-Żurrieq kollu.


**LEJLA MALTIJA**

***Grandjuża***

**Nhar is-Sibt 29 ta' Awwissu 2009 fi Triq Don Carlo de Giovanni Nglott Organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti**

**www.stcatherineband.org.mt**

**IS-SIT UFFIĊJALI TAS-SOĊJETÀ MGHAMMAR B'RITRATTI U NFORMAZZJONI AĠĠORNATA KULJUM**



## Kelmtejn mis-Sezzjoni Nar

*- Alan Schembri - Kaxxier*

Iż-żmien għaddej u ma jistenna lil ħadd. Erġajna wasalna g_al darb'oħra għall-aħħar messaġġ f'din il-ħarġa tal-gazzetta, qabel il-festa li ser niċċelebraw ad unur il-Patruna Tagħna Santa Katarina V.M.

Kif kont semmejt u spjegajt x'ġara matul din is-sena fil-ħarġa ta' qabel ta' din il-gazzetta stess, is-sehem tal-piroteknika matul il-ġimgħa tal-festa ser ikun wieħed limitat ħafna. Dan żgur m'huwiex it-tort ta' kull wieħed li jiffrekwenta l-Post tan-Nar tagħna, iżda minħabba ċertu dewmien bla bżonn u deċiżjonijiet indeċiżi tal-awtoritajiet ta' pajjiżna. Issa la darba tawna l-permess li ngibu l-materjal, xorta ma setax isir dak kollu li kien isir qabel, minħabba li ż-żmien u s-sħana tas-sajf kienu daħlu ġmielhom, u minħabba miżuri ta' sigurta'. Biss mill-ftit li seta' jsir sar għaliex b'xi mod jew ieħor il-festa ser tkun akkumpanjata xorta b'xi nar speċjalment is-servizzi ta' mal-funzjonijiet tal-knisja.

Għalhekk aħna min-naħa tagħna xorta bqajna għaddejjin bl-attivitajiet u fund raising u se nibqgħu nagħmlu dan anke fiż-żmien li ġej sabiex bl-għajnuna tagħkom niġbru fondi sabiex inkopru l-ispejjeż ta' din is-sena filwaqt li nibdew naħsbu u nippreparaw sew għall-festa tas-sena d-dieħla. Għalhekk inkompli nħeġġiġkom sabiex kif għamiltu dejjem fiż-żmien li għadda, tkomplu tkunu ġenerużi, u ta' dan nirringrazzjakom bil-quddiem. Tajjeb li nsemmi li l-attivita' li jmiss hija ikla ġewwa l-pjazza tar-raħal tagħna bejn is-Sottokumitat tan-Nar u dak tal-Armar nhar it-22 t'Awissu 2009. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk in-nies li miegħi jagħmlu parti mit-tim sabiex jinġabru l-flus tal-arbular. Għalhekk nixtieq navża li t-tim tal-arbular għal din is-sena se jkun iffurmat minni Alan Schembri (Kaxxier), is-Sur Stephen Falzon (Chairman Sezzjoni Nar), is-sur Joe Briffa (Kaspru) kif ukoll is-Sur Oliver Mario Zammit (Volvo) li għoġbu jerġa' jiġi jingħaqad magħna biex jagħti wkoll id-daqqa t'id tiegħu f'dan il-qasam.

Nagħlaq dan il-messaġġ qasir billi nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom fix-xogħol tal-piroteknika li sar matul din is-sena kif ukoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' xi għajnuna. Nirringrazzja wkoll lil dawk il-benefatturi kollha tagħna li joffru d-donazzjonijiet tagħhom sabiex in-nar tal-festa jkun jista' jsir u li joffru dan bl-għan li jaraw li l-festa tagħna tkompli tikber u mhux b'xi skop ieħor bħal ma jagħmlu xi uħud. Fl-aħħar u mhux l-inqas ma nistax ma nirringrazzjax lil Santa Katarina V.M. li ta' kuljum iżżomm idejha fuqna sabiex magħna tkun qiegħda ġġedded l-istess imħabba dejjiema ta' bejnietna. Grazzi u l-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

## Radju Santa Katarina

*- Kevin Schembri - Segretarju Sotto Kumitat RSK*

Għeżież soċji u partitarji,

L-ewwel ħaġa nixtieq niftaħ dan il-messaġġ billi f'isem is-Sottokumitat Radju Santa Katarina nirringrazzjakom uffiċjalment tal-appoġġ kbir li qed tagħtu lil dan l-istazzjon. Propjament nhar is-7 t' Awwissu se nkunu qed nagħlqu sena kontinwa nxandru fuq il-frekwenza 90.6FM u aħna matul din is-sena tajniekom programmi varjati li żgur li laqtu l-gosti tagħkom. Dan jixhduh id-diversi sms u telefonati li nirċievu waqt il-programmi, kif ukoll dawk in-nies li jwaqqfu lill-preżentaturi fit-toroq u jagħtuhom il-prosit tagħhom u xi kultant anke s-suġġerimenti sbieħ tagħhom.

Issa la qegħdin fi żmien il-festa, kif għamilna s-sena li għaddiet, Radju Santa Katarina se jkun qed jippreżentalkom skeda speċjali għaż-żminijet tal-festa, fejn kollox se jkun qed idur mal-attivitajiet u ċ-ċelebrazzjonijiet li se nkunu qed niċċelebraw f'dawn il-jiem hekk għeżież għalina. Imbagħad wara li jgħaddu ż-żminijiet tas-Sajf, Radju Santa Katarina se jkun qed jerġa' jippreżentalkom skeda oħra varjata għaż-żminijiet tax-Xitwa fejn aħna se nkomplu nwasslu leħen is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. ġewwa djarkom.

L-istudios ukoll bħalissa qegħdin fil-fażi finali tagħhom u jekk Alla u Santa Katarina jippermettu, il-Festa li ġejja se tkun qed tixxandar minn dawn l-istudios il-ġodda. Dawn se jkunu qed jinfetħu uffiċjalment fil-jiem ta' qabel il-festa u jien inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila f'dawn l-istudios biex taraw b'għajnejkom minn liema lussu se jkun qed ixandar dan l-istazzjon.

Fl-aħħar nixtieq nappellalkom sabiex tkomplu ssegwu il-programmi li qed jixxandru fuq Radju Santa Katarina u komplu xerrdu l-kelma illi Radju Santa Katarina; l-ewwel Radju fiż-Żurrieq, se jerġa' jkompli jxandar anke matul il-ġranet tas-sena li ġejja. F'ismi u f'isem is-Sottokumitat Radju Santa Katarina nawguralkom il-Festa t-Tajba.

## BBQ - B'BUGIA

**Nhar is-Sibt 8 ta' Awwissu 2009, is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti se tkun qed torganizza BBQ ġewwa Pretty Bay, f'B'Bugia. Għal min jixtieq, it-transport se jitlaq mill-venda tal-karrozzi tal-linja taż-Żurrieq fil-5.30p.m. Biljetti jistgħu jinkisbu mill-Bar tal-Każin jew mingħand is-Sinjura Gejta Farrugia.**



# Għalikom it-Tfal *- Anna Maria*

**Kif intom tfal?**

Erġajna ltqajna għal edizzjoni oħra tan-newsletter, din id-darba edizzjoni speċjali peress li meta se tirċievu din il-gazzetta fi djarkom, il-festa titulari ta' Santa Katarina V.M. tkun vera fil-qrib! U għal din l-edizzjoni speċjali xtaqt naghtikom ftit punti kif intom bħala tfal tistgħu tipparteċipaw bis-sħiħ fil-preparamenti u fil-ġranet tal-festa.

Fil-ġranet ta' qabel tajjeb li, dejjem bil-permess tal-ġenituri, dawk minnkom ftit kbar fl-eta', tistgħu tingħaqdu mal-grupp tal-armar u taghtuhom daqqa t'id. Għalkemm għadkom żgħar, xi ħaġa jsibulkom x'tagħmlu żgur: tnewlu l-bozoz, iżżommu l-liedna u anke forsi tgħinu biex iżżommu xi sellum! Il-bniet jistgħu ukoll jgħinu fejn fil-ġimgħat ta' qabel, il-Kumitat tan-Nisa jagħmel ħinijiet twal inaddaf u jżejjen il-każin għall-ġranet tal-festa. Barra minn hekk inħeġġiġkom biex anke tipparteċipaw fil-Lejla Katarinjana u dawk minnkom li għandkom xi talent qis li tiehdu sehem fil-Lejla Maltija Grandjuża!

Tajjeb ukoll li flimkien mal-familja tagħkom tattendu għall-attivitajiet li torganizza s-Soċjeta' fil-ġranet ta' qabel il-festa. B'hekk tidħlu aktar fl-atmosfera kif ukoll tkunu qed tagħtu l-appoġġ tagħkom lil dawk kollha li jaħdmu sena sħiħa bla waqfien għal din il-festa.

Fil-ġimgħa tal-festa mportanti li tattendu għall-funzjonijiet li jsiru ġewwa l-Knisja. Veru li forsi xi funzjonijiet ikunu twal, imma nassigurakom li tant il-knisja tkun imżejna sabiħ, tant tindaqq mużika sabiħa u tant jingħad talb devot, li m'intom se tiddejqu xejn! Imbagħad tajjeb li tiddevertu, dejjem bilgħaqal, waqt il-marċi! Tinsewx ukoll il-qrar u t-tqarbin u ħeġġu lill-ġenituri tagħkom biex huma wkoll jersqu għas-sagramenti.

Jien nawgura lilkom u lill-familji tagħkom il-festa t-tajba u j'Alla Santa Katarina V.M. tkun magħkom dejjem tul ħajjitkom. **Viva Santa Katarina V.M., il-Patruna taż-Żurrieq**!

**Kompetizzjoni:** Semmu żewġt ibliet li fihom il-Banda Santa Katarina V.M. daqqet barra minn pajjiħna, matul l-istorja grandjuża tagħha.
Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom fl-indirizz: **Zurricanorum Patrona, Kompetizzjoni Tfal, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq.**

## Souvenirs

- **Flokkijiet "Banda Santa Katarina – 6 Unuri Konkreti"**
- **Polo Shirts bl-Arma bir-Rakkmu**
- **Maggijiet bl-Arma tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti**
- **"Għal Dejjem Żagħżugħ" – CD u DVD tal-kanzunetta kantata minn Glen Vella bi kliem u mużika ta' Mark Tonna**
- **CD "Palmisti 2008" kantata minn Stephen Mizzi**
- **Bnadar żgħar għal mal-karrozzi**
- **CD taċ-Ċenitnarju "Insellmulek Katarina"**





**Album ta' kanzunetti, produzzjoni tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti, bil-mużika ta' Mark Tonna, interpretati mill-kantanti Chrystal Buġeja, Diane Cachia, Marthese Tanti u l-istess Mark Tonna.**
**Dan l-Album jinkludi wkoll il-kanzunetta u DVD "Int Patruna" interpretata minn Eleonor Cassar u Glen Vella li s-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti taż-Żurrieq u s-Sezzjoni Partitarji Belandisti taż-Żejtun niedew bħala simbolu tal-għaqda li teżisti bejniethom f'isem il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. ta' Lixandra.**
**Dan l-album jista' jinxtara mill-Bar tal-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. jew mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.**



# Nota Amministrattiva - mis-Segretarju, is-Sur Joseph Darmanin

***Għeżież Membri u Partitarji,*** f'din il-ħarġa tal-gazzetta tas-Soċjeta', nkun qed nagħti rendikont tax-xhur Awwissu, Settembru u Ottubru 2009, xhur li magħhom iġibu ħafna xogħol, pero' jġibu wkoll ħafna sodisfazzjon, għax bħalissa jibda jingħaqad ix-xogħol kollu li jkun sar u qiegħed isir biex tiġi ċċelebrata l-festa tal-patruna tagħna Santa Katarina Verġni u Martri.

Bla dubju ta' xejn Awwissu huwa mimli b'ħafna preparamenti u attivitajiet li jilħqu l-qofol tagħhom fl-aħħar ġimgħa bil-bidu taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa, biex propju nhar il-Ħadd 6 ta' Settembru lkoll flimkien niċċelebraw il-Festa tal-Patruna tagħna u tal-għażiż raħal tagħna ż-Żurrieq.

Xi tfisser il-Festa għalina? Għal ħafna minna mdaħħla sew fl-organizzazzjoni tfisser xogħol, tbatija, responsabbilta', nfiq. Dawn kollha huma tajbin, pero' mportanti ħafna l-intenzjoni li nagħmluhom, u dan għandu jkun biss li nkabbru l-isem tas-Soċjeta' u tal-Patruna tagħha.

Jien ma ngħidx li xi ftit bluha mhix aċċettata, għax forsi din hija karatteristika tagħna l-Maltin u anke bħala Mediterranji, insibu kull skuża biex niċċelebraw, pero' għandna nżommu l-kontroll u d-dekor tagħna. Inżommu quddiem għajnejna l-imħabba li biha rridu nħobbu lill-patruna tagħna, kulħadd kif jaf, kulħadd bit-talenti tiegħu.

Nattendu kemm nistgħu għall-funzjonijiet reliġjużi, kif ukoll għall-attivitajiet kollha li jiġu organizzati. Inħeġġiġkom biex toħorġu minn djarkom tul dan iż-żmien. Ġibu lil uliedkom u ejjew għinuna fil-ħafna xogħol li jkun qed isir, speċjalment fl-armar estern u anke dak intern ġewwa l-knisja u l-każin. Il-knisja ddedikata lill-Patruna tagħna, mżejna bl-isbaħ rikezzi għall-festa, tinvolvi ħafna xogħol ukoll. Kun kburi li inti parti minnu.

L-attivitajiet li jitilgħu b'tant sagrifiċċju jitolbu l-apprezzament tal-attendenza tagħkom, u meta niġu fuqkom, nitolbukom iddaħħu jdejkom fil-but, ibqgħu kunu ġenerużi bħal ma dejjem kontu.Tafu li fluskhom qed tinvestuhom f'Soċjeta' serja u integra f'dak kollu li tkun qiegħda tagħmel.

Grazzi tal-appoġġ tagħkom, grazzi tal-għajnuna u s-sapport. Aħna qegħdin hawn biex inkomplu naħdmu minn qalbna, ngħollu u niddefendu isem il-patruna ta' ġieħ, isem il-Patruna tagħna l-Verġni u Martri Santa Katarina.

Settembru jġib miegħu ħafna xogħol ieħor ta' żarmar u ppustjar, kif ukoll preparamenti oħra għall-iffurmar tas-Sottokumitati 2009-2010, kif ukoll ħafna diskussjoni u ppjanar ta' ħidma għas-sena festiva ġdida. Dan iġib miegħu ukoll l-ewwel attivitajiet wara l-Festa. Fis-Soċjeta' m'hemmx waqfien, Soċjeta' dinamika, kontinwa u oriġinali.

F'Ottubru tiġu mistiedna għal Seduta Ġenerali bl-informazzjoni u l-poteri kollha li ġġib magħha, fejn l-attendenza tagħkom hija mportantissima. Hemm isiru l-preparamenti għall-elezzjoni tal-Kumitat 2009-2010 kif ukoll din s-sena l-elezzjoni għall-President tas-Soċjeta'.

Inħeġġukom issegwu l-mezzi kollha tal-pubbliċita' tas-Soċjeta' – Notice Boards, Posters ġol-ħwienet, e-mails, website www.stcatherineband.org.mt u bla dubju ta' xejn Radju Santa Katarina li jxandar fuq 90.6 F.M. l-ewwel u l-uniku Radju tal-Komunita' fiż-Żurrieq. B'hekk biss tkunu aġġornati bl-aħħar aħbarijiet tas-Soċjeta'.

Min għadu ma ħallasx il-menswalita' jiehu ħsieb jagħmel dan, u min jixtieq jinkiteb membru ġdid toqgħodx taħsibha, ejja kun int ukoll kburi li tagħmel parti minn din l-akbar – BIL-FATTI – Soċjeta' ġewwa r-raħal tagħna. Dejjem fuq quddiem, dejjem ta' eżempju għal ħaddieħor, biex jaddotta t-talenti tagħna u jużahom għalih, u wara ftit taż-żmien jaħseb u jxandar li kienu l-ideat oriġinali tiegħu. Pero' l-fatti hemm qegħdin, ma tistax tmerihom.

Nagħlaq billi ngħid prosit u grazzi lil sħabi tal-kumitat, lis-Sottokumitati kollha għax-xogħol ta' veru li jagħmlu, lilkom il-Bandisti u Surmastrijiet – kulħadd jaf is-sagrifiċċju tagħkom, iżda s-suċċess u s-sodisfazzjon kien kbir ukoll ġewwa Budapest. Prosit. Għamiltu unur lil Malta. Grazzi membri, grazzi partitarji, grazzi benefatturi għax flimkien ser nagħmlu festa oħra kbira ddedikata lill-**għażiża Patruna tagħna l-Kbira Santa Katarina**.

*Sa minn dejjem qalbna ħabbitek,*
*Sa minn ġuf ommna bik imsaħħrin,*
*Inti Biss il-patruna tagħna, ta' raħalna,*
*U kburin li taħt KATARIN ismek ġejna mgħammdin.*
*Il-Festa t-tajba lill-kulħadd, u*
**VIVA SANTA KATARINA V.M.**



**Il-Kumitat ġewwa s-Sala Joszef Attila ġewwa Dorog - Ungerija, flimkien mal-Bandalora Kommemorattiva li ġiet ippreżentata wara l-Kunċert tal-Banda Santa Katarina V.M.**

## APPELL LILL-FRATELLI TAS-S.S.MU SAGRAMENT U L-QALB TA' ĠESÙ.

**Inħeġġu lill-Fratelli tas-SS.mu. Sagrament u l-Qalb ta' Ġesù biex jattendu għal dawn il-purċissjonijiet:**

- **Is-Sibt 5 ta' Settembru 2009, it-Translazzjoni tar-Relikwija ta' Santa Katarina V.M., fis-5.45p.m.**
- **Il-Ħadd 6 ta' Settembru 2009, il-Purċissjoni bl-Istatwa u bir-Relikwija ta'Santa Katarina V.M., fis-7.00p.m.**



# Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

**Tagħlim u Lezzjonijiet tal-Banda**

Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.30a.m. – Assistent Surmast Mor. Josef Grech - Sezzjoni Injam.
Kull nhar ta' Tlieta mill-4.15pm sas-6.45pm – Surmast Direttur Mro. Mario Testa – Sezzjoni Ram.

- Nhar il-Ħadd 2 t'Awwissu 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel servizz ta' marċ għall-Festa ta' San Duminku ġewwa l-Belt Valletta. Dan il-marċ jibda' fit-7.45pm u jispiċċa fil-10.45pm.
- Nhar it-Tnejn 3 t'Awwissu 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel servizz ta' marċ fil-Festa tas-Salvatur ġewwa Ħal Lija. Dan il-marċ jibda' fit-8.30pm u jispiċċa fil-11.30pm.
- Nhar il-Ġimgħa 14 t'Awwissu 2009 il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel marċ u programm fil-Festa ta' Santa Marija ġewwa l-Qrendi. Dan is-servizz jibda fis-7.00pm u jispiċċa fl-10.00pm.
- Nhar is-Sibt 15 t'Awwissu 2009 il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel servizz ieħor fil-Festa ta' Santa Marija ġewwa l-Qrendi. Dan is-servizz jibda fis-7.30pm u jispiċċa fil-11.30pm.
- Nhar il-Ħadd 16 t'Awwissu 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel marċ fil-Festa ta' Santa Marija ġewwa Bubaqra ż-Żurrieq. Dan il-marċ jibda fid-9.00pm u jispiċċa fil-11.30pm.
- Nhar il-Ħadd 30 t'Awwissu 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. fis-7.00pm iddoqq fil-ħruġ tal-istatwa ta' Santa Katarina V.M. min-niċċa. Wara fit-8.30pm tibda marċ li jdur mat-toroq taż-Żurrieq u jispiċċa fil-11.30pm.
- Nhar il-Ħamis 3 ta' Settembru 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. fid-8.45pm tibda marċ qasir minn Triq il-Kbira, fejn wara tesegwixxi Programm Vokali u Strumentali fuq il-Planċier Artistiku tagħha ġewwa Misraħ ir-Repubblika.
- Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. fid-9.00pm tibda marċ b'dimostrazzjoni tal-Istatwa ta' Santa Katarina V.M. fejn fin-nofs siegħa l-Banda ddoqq l-Innu Marċja Banda Santa Katarina, jewkif inhu magħruf 'Semma' Poplu', waqt it-tlugħ ta' l-istatwa fuq il-pedestall tagħha f'Misraħ ir-Repubblika.
- Nhar is-Sibt 5 ta' Settembru 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel is-solitu marċ tat-Te Deum. Dan jibda fil-11.00am u jispiċċa fit-3.00pm.
- Nhar il-Ħadd 6 ta' Settembru 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. fit-8.30am tagħmel marċ li jibda minn Triq Dun Ġużepp Zammit sa Misraħ ir-Repubblika, fejn twassal lill-Prim Konċelebrant għall-Quddiesa l-Kbira tal-Festa.
- Nhar il-Ħadd 6 ta' Settembru 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. fil-11.00pm tagħmel marċ tan-nar. Dan jibda minn quddiem il-Knisja u jispiċċa f'Misraħ ir-Repubblika.
- Nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. ser tagħmel servizz ta' marċ fil-Festa ta' Santa Katarina V.M. ġewwa d-Daħla, r-Rabat. Dan jibda fis-6.00pm u jispiċċa fid-9.00pm.
- Nhar il-Ħadd 4 t'Ottubru 2009, il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ u programm fil-Festa tal-Madonna tar-Rużarju fiż-Żurrieq stess. Dan is-servizz jibda fis-7.00pm. Il-Banda tibda marċ minn Triq il-Kbira u wara tesegwixxi programm f'Misraħ ir-Repubblika.



**Il-Banda Santa Katarina V.M. waqt il-Kunċert fuq Fisherman's Bastion - Budapest**

# Sotto Kumitat tal-Kultura

*- Faustina Sammut*

Ħbieb, żgur li lkoll kemm intom tinsabu tistennew bi ħġarkom il-festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. Is-sena għaddiet bħal leħħa ta' berqa u għal darb'oħra reġa' kellna sena mimlija attivitajiet organizzati mis-Sottokumitati li flimkien mal-Kumitat Ċentrali jaħdmu għall-ġid ta' din is-Soċjeta' tant għal qalbna.

Aħna tas-Sottokumitat Kultura wkoll, matul ix-xhur li għaddew, organizzajnilkom attivitajiet b'laqta kulturali. L-għan tagħna hu li mhux biss tiddevertu flimkien mal-familji tagħkom, iżda wkoll titgħallmu dejjem iżjed dwar il-patrimonju sinjur li għandna f'pajjiżna. Aħna nixtiequ nirringrazzjawkom tas-sapport li dejjem tagħtuna u nħeġġukom biex tkomplu tattendu bi ħġarkom għall-attivitajiet tagħna.

Barra minn hekk nirringrazzjaw lil dawk kollha li ta' kull sena jipparteċipaw bħala atturi u re-enactors, kemm fit-Tieġ Tradizzjonali Malti kif ukoll fil-Lejla Katarinjana. Anke għal din is-sena ħsibna li norganizzaw sorpriża għal-Lejla Katarinjana, għalhekk nagħmlilkom appell biex tattendu.

Inħeġġiġkom ukoll biex tattendu għall-funzjonijiet tal-Knisja, għall-attivitajiet organizzati mis-Sottokumitati l-oħra, kif ukoll għall-festi esterni ħalli b'hekk għal sena oħra jkollna festa kompluta, taħt il-ħarsien tal-Qaddisa Patruna tagħna Santa Katarina V.M. Il-festa t-tajba lil kulħadd u Viva Santa Katarina V.M.

## JINSABU GĦALL-BEJGĦ FIL-KAŻIN TAL-BANDA SANTA KATARINA V.M.

- **Ktieb – Santa Katarina, il-Festa u s-Soċjeta' Mużikali tagħha fiż-Żurrieq, 1989.**
- **Ktieb – Wirt l-Imgħallmin, Storja tal-Planċier Artistiku 1956-2006**
- **Oratorju – Santa Katarina V.M. ta' Lixandra**
- **CDs tal-Marċi Brijużi mill-Banda Santa Katarina V.M. 2005-2006, 2007-2008.**
- **DVDs tal-Festa ta' Santa Katarina V.M. 2006, 2008.**
- **Double CD – Marċi Brijużi, Banda Santa Katarina V.M. 2009-2010.**
- **Banners, Keychains u Stickers.**



# Avvenimenti Mportanti - miġbura minn Jeremy Cachia

## 145 SENA – SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M. A.D.1864 – ŻURRIEQ

*(ikompli mill-ħarġa preċedenti...)*

Il-ħajja mużikali ta' din is-Soċjeta' tista' tgħid li evolviet minn żmien għall-ieħor. Fis-snin 20 u 30 tas-seklu l-ieħor, il-Banda Santa Katarina V.M. ġiet trasformata f'Orkestra Santa Katarina V.M.; f'liema żminijiet li l-mużika orkestrali kienet tant popolari fit-teatri u f'bosta każini tal-baned. L-Orkestra Santa Katarina V.M. diretta mis-Surmast Ferdinandu Falzon kienet tesegwixxi kemm programmi mużikali fil-misraħ tar-raħal, kif ukoll taqdi dmirha kif inhu xieraq fil-Knisja Arċipretali Santa Katarina V.M. fil-ġimgħa tal-Festa Titulari, b'mod speċjali matul it-tieni Gwerra Dinjija. Din l-Orkestra kienet iddoqq ukoll waqt it-tombli u l-fieri li s-Soċjeta' kienet torganizza fil-Pjazza u fl-iskola tal-Gvern rispettivament. L-impenn ta' din l-Orkestra Santa Katarina V.M. kien ukoll li tallegra nies preżenti waqt it-teatrini li kienu jittellgħu fis-sala u fil-bitħa tal-każin. Meta mbagħad fis-snin ta' wara l-gwerra, l-Orkestra għaddiet taħt il-bakketta tas-Surmast Espedito Deguara, fl-1946 din l-Orkestra evolviet f'Banda. Tajjeb nagħmel aċċenn li l-isem kemm tal-Orkestra, kif ukoll tal-Banda baqa' jsejjaħ l-isem tant għażiż tal-Patruna tar-raħal – Santa Katarina V.M. u dan huwa ta' prestiġju u unur kbir għas-Soċjeta'.

Fis-snin 50 il-Banda Santa Katarina V.M. kienet magħduda fost l-aqwa li kien hawn fil-Gżejjer Maltin kemm għal-livell tal-programmi mużikali u kif ukoll għan-numru ta' servizzi mużikali li kellha fil-festi barra ż-Żurrieq. Kien fis-snin 50 ukoll li l-Banda Santa Katarina V.M. siefret u daqqet barra minn Malta tliet darbiet fi spazju ta' 6 snin biss!! Dan jixhed l-entużjażmu kbir fost il-Bandisti, s-Surmast tal-Banda u l-Membri tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. *(...ikompli fil-ħarġa li jmiss.)*

## IN-NAVI TAL-KNISJA ARĊIPRETALI SANTA KATARINA V.M. – ĠODDA

Din is-sena jaħbat mitt sena minn meta n-navi tal-Knisja Arċipretali Santa Katarina V.M. tlestew kompletament u ġew inawgurati uffiċjalment. Fis-16 ta' Mejju 1909, il-Banda Santa Katarina V.M. fakkret dan l-avveniment hekk storiku għall-istess raħal taż-Żurrieq u għat-tempju Katarinjan billi daqqet u għamlet programm mużikali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Francesco Zammit f'Misraħ Churchill, illum Misraħ ir-Repubblika.

## UNUR – IS-SITT SAFRA TAL-BANDA SANTA KATARINA V.M.

Din is-sena l-Banda Santa Katarina V.M. nisġet ħolqa tad-deheb oħra fl-istorja tagħha. Dan wara li din il-Banda serviet t'ambaxxatriċi għal pajjiżna, din id-darba fl-Ungerija. Il-Banda għamlet 4 Kunċerti Mużikali mill-aqwa: f'Fisherman's Bastion, f'Balatonfured, quddiem il-Katidral ta' Esztergom, u fl-aħħar u mhux l-inqas il-kunċert tant mistenni mill-ġitanti u mill-ogħla awtoritajiet ta' Budapest fiċ-ċentru Kulturali ta' Dorog. Il-Banda Santa Katarina V.M. qalgħet applawżi kbar, u kliem ta' tifħir kbir minn kull min kien preżenti għall-kunċert. Il-Banda Santa Katarina V.M. tgħożż dawn il-memorji mill-isbaħ ta' din il-mawra tagħha f'Budapest, u żżomm bħala tifkira l-banner li ġie preżentat lill-President tas-Soċjeta' u mlibbes mal-istandart ta' l-istess Banda. Is-Soċjeta' tgħożż b'tant għożża wkoll il-Bandalora Kommemorattiva li ġiet irregalata mill-Banda Ungeriża Dorog and Tat Wind Band lill-Banda Santa Katarina V.M. u din ser tingħaqad mal-5 bandalori preċedenti l-oħra – tifkira memorabbli tas-sitt safriet barra minn Malta. Nawgura għal aktar suċċessi mill-aqwa lill-Banda Santa Katarina V.M. issa li riesqa l-Festa Titulari tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. u tkun impenjata b'mod speċjali bil-Programm Mużikali tant mistenni fit-tieni jum tat-Tridu ġewwa l-misraħ ewlieni tar-raħal – Misraħ ir-Repubblika.



**Il-Banda Santa Katarina V.M. flimkien mal-Majorettes li akkumpanjawha quddiem is-Sala Joszef Attila ġewwa Dorog, l-Ungerija - Lulju 2009**

**IL-KUMITAT TAS-SOĊJETA' MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M. JĦEĠĠEĠ LILL-MEMBRI SABIEX JATTENDU GĦALL-FUNZJONIJIET FIL-KNISJA. INĦEĠĠUKOM BIEX FILWAQT LI TIFIRĦU BID-DAQQ TAL-MARĊI BRIJUŻI, IĠĠIBU RUĦKOM KIF JIXRAQ. IL-FESTA LI NIĊĊELEBRAW GĦANDHA TAGĦTI ĠIEĦ LIL SANTA KATARINA V.M., PATRUNA TITULARI TAR-RAĦAL TAGĦNA.**

Design & Printing: Tel: 21250994/3